**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Id-disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 18/2025**

**Laqgħa Numru 18**

21 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, lerbgha 21 ta' Mejju 2025 fl-5.00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**
Marco Agius - Sindku
Noyah Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 18 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **18.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **18.01.01** | Nil |
| **18.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 18.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-minuti tas-seduta numru 17/2025 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha.<br><br>Approvazzjoni tal-Minuti:<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-minuti tas-seduta numru 17/2025, u l-Kunsilliera Rita Gatt issekondat.<br><br>Emendi pproposti:<br><br>Punt 17.03.10: Il-Kunsillier għamel osservazzjoni fuq żball fil-kitba fejn hemm miktub "lil kunsill u għandha tkun miktuba mil-kunsil".<br><br>Preżenza mhux korretta: Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet kienet indikata bħala preżenti, iżda fil-fatt ma attendietx is-seduta.<br><br>Punt 17.05.01 – Żball fil-lokazzjoni:<br><br>Kien hemm referenza żbaljata għal "St Francis School", li għandha tiġi kkoreġuta għal "Hubbard Flats". |
| **18.03.** | **Korrispondenza** |
| 18.03.01 | Il-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri tal-Kunsill li attendiet konferenza li saret fil-Lithuania, li kienet iffinanzjata minn Xjenza Malta. Din kienet relatata mal-programm HORIZON-MISS-2025-06-CIT-CANCER-01, li bħala għan ewlieni hu l-użu tal-mixi u ċ-ċikliżmu, sabiex jitjieb is-saħħa |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | pubblika, jitnaqqsu l-emissjonijiet, u jiġu integrati mezzi ta' mobilità attiva u mikro-mobilità flimkien ma' teknoloġiji u infrastruttura intelliġenti.<br><br>Il-Segretarju Ezekuttiv żiedet li matul il-konferenza kellha l-opportunità li tiddiskuti mal-parteċipanti minn diversi pajjiżi, fejn ġiet enfasizzata s-sitwazzjoni partikulari ta' Three Cities, li fiha jinstabu bosta turġien, u dan qed joħloq sfidi għal mobilità speċjalment għall-anzjani, minħabba l-età tar-residenza lokali.<br><br>Se tibda t-tfittxija għal pajjiżi li huma rikonoxxuti bħala Mission Cities. Dan huwa meħtieġ sabiex inkunu nistgħu napplikaw, peress li hemm bżonn ta' 5 bliet rikonoxxuti bħala Mission Cities u 5 followers, li jistgħu jkunu minn kwalunkwe pajjiż. |
| 18.03.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet billi informat lill-Kunsilliera li ġiet sottomessa applikazzjoni għall-iskema tal-Kultura, li se tintuża għall-Cospicua Short Play Festival. Barra minn hekk, ġiet ukoll sottomessa applikazzjoni għal fondi marbuta mal-Clean Up Day, fejn applikajna biex din issir ġimgħa qabel il Cospicua Short Play Festival, sabiex jitnaddfu ż-żoni li se jintużaw għall-ativita tal-festival. |
| 18.03.03 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li hemm bżonn jinxtrara laptop għall-Assistant Principal. Il-Kunsilliera qablu li l-laptop jinxtara hu meħtieġ. |
| 18.03.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-email mibgħuta mil-Project Green fejn ġie indikata li l-Gnien Masgar (Gnien Kottoner) qiegħed taħt responsabbiltà ta' Perit Williams Lewis. Għalhekk, jistaqsu jekk irridux inħallu l-proġett taħt il-ħarsien ta' Perit William Lewis, jew inkella neqilbu taħt il-perit li bħalissa juża l-Kunsill, Perit Deter Falzon. Il-Kunsilliera, qablu li issa għandna lil Perit Deter Falzon, u għalhekk l-aħjar huwa li l-proġett jinbidel u jinqaleb taħt il-ħarsien tiegħu. |

| | |
|---|---|
| 18.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar problema li nstabet fit-tender li għaddej quddiem il-Kunsill, fejn kien hemm mnizzel biex jiġbru disable swing mill-Kunsill li kienet tinsab fil-Gnien il-Familja. Madankollu, din id-disable swing mhijiex ċċertifikata skont ir-regolamenti ta' CRPD. Issa hemm żewġ għażliet: jew tinxtara zurżieqa minflok, li tista' tkun għolja fil-prezz, jew titranga zurżieqa li għandna fil-yard tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li l-aħjar huwa li l-zurżieqa tiġi rrangata u mbagħad tgħaddi minn spezzjoni ta' engineer qabel ma tintuża biex tiġi ċertifikata. |
| 18.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera dwar l-ERA Awards nbgħtet permezz ta' email. Ġie spjegat li kull min jixtieq jinomina jista' jagħmel dan, u li l-għeluq tal-nomini huma sa t-8 ta' Ġunju. |
| 18.03.07 | Dikjarazzjoni mill-Kunsillier Martin Vella fejn esprima t-tħassib tiegħu dwar il-kelb "Buddy". Huwa rrikonoxxa li kien ġie diskuss li tiġi allokata zona fil-yard fejn il-kelb jista' joqgħod, iżda staqsa għaliex dan għadu ma ġiex implimentat. Huwa ddikjara li mhux se jżomm ruħu responsabbli għal kwalunkwe sitwazzjonijiet li jista' jsehhu mil-kelb. Is-sindku dikjara li għad ma ġietx implimentata peress li hemm xi nies li anka fil-weekends iċemplulu rigward ħsejjes mil-kelb li jdejqu lir residenti. Il-kunsillier Martin Vella qal li l-kelb mhuwiex postu fil-kunsill. Il-Vici Sindku Noyah Spiteri Hammet qalet li hi ma taqbilx li l-kelb jitneħħa. Il-kunsilliera qablu li tigi implimentata zona fil yard tal-kunsill b'tinda biex jilqalu xemx u xita kif ukoll niftħu biċċa mil-ħajt biex jkollu aċċess għal kamra ġewwa. Il-kunsilliera qablu li tiġi implementata il-kamra fil-yard biex il-kelb ma jkollux aċċess għal uffiċju tal-kunsill. |
| 18.03.08 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-kont mal-APS għadu fuq l-isem tal-eks Segretarju. Il-bank għandu bżonn konferma li intom, bħala kunsilliera, |

2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta
Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222
E-mail: bormla.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| | taqblu li dan il-kont għandu jiġi trasferit fuq l-isem tas-Segretarju Eżekuttiv preżenti.<br><br>Hekk kif isir it-trasferiment, nistgħu nagħlqu dan il-kont u nżommu biss il-kont mal-BOV.<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma’ dan. |
| **18.04** | **Kommunikazzjoni mIs-sindku** |
| 18.04.01 | Is-Sindku Marco Agius beda billi qara email mibgħuta minn Emanuel Debono, rappreżentant ta’ klabb tal-ħamiem, fejn kien qed jitlob kollaborazzjoni għall-ħatra ta’ trophies. Il-Kunsilliera ma qablux mal-proposta. |
| 18.04.02 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi infurma lill-Kunsilliera dwar email li rċieva mingħand Evan Grech, surġent tal-pulizija tal-komunità, li qed jiproponi li jitpoġġew kameras ta’ lesa fit-triq John Pace minħabba li għad hemm sewwieqa li jgħaddu fit-triq b’mod ħażin (one way). Il-Kunsilliera qablu li niċċekkjaw l-ispejjez relatati mal-installazzjoni tagħhom. |
| 18.04.03 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li parti mit-triq il-Kunċizzjoni kienet ser tissemma għal Dr Giuseppe De Marco, iżda issa qed tiġi proposta li tissemmma għal Dr Daniel Piscopo, eks-Ministru tas-Saħħa. Il-Kunsilliera qablu mal-proposta u li tinkieteb bħala politiku. |
| 18.04.04 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera dwar is-sitwazzjoni ta’ chair lift tal-Kunsill. Wara li ntrebaħ it-tender, is-supplier żar il-post u indika li m’hemmx spazju biżżejjed biex isir l-installazzjoni. Għalhekk, hemm żewġ għażliet: jew inħarsu lejn kemm tiswa biex persuni b’dizabilità jkollhom aċċess mil-yard, jew hemm bżonn li tiġi mibdula l-faċċata tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li l- |

| | |
|---|---|
| | ewwel naraw stima tal-ispejjeż għal aċċess mil-yard u jekk din tkun għolja wisq, imbagħad jiġu kkunsidrati l-għażliet biex tiġi mibdula l-faċċata. |
| 18.04.05 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera dwar il-kuntratt mibgħut mingħand Dun Anton, fejn qed jitlob €10,000 kull sena għal użu tal-yard. Il-Kunsilliera qalu li dawn il-flus għandhom jingħataw lill-knisja, peress li m'hemmx għażla oħra fejn jitpoġġew l-affarijiet li jinsabu fil-yard. Għal kwalunkwe tibdil fil-yard, hemm bżonn li jinkiseb permess mingħand Dun Anton sabiex jara jekk jaqbilx mal-pjanijiet u biex il-kuntratt ikun jista' jiġi rranġat. |
| 18.04.06 | Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera dwar il-panelli fuq il-bejt tal-Kunsill, fejn hemm xi panelli li mhumiex mwaħlin sew. Ġiet preżentata kwotazzjoni għall-ħidma u l-Kunsilliera qablu li titwettaq immedjatament. Ġiet preżentata wkoll kwotazzjoni oħra mingħand electrician biex jitbiddel il-meter minn 1-phase għal 3-phase, sabiex meta niddeċiedu li naqilbu kollox għal 3-phase, il-meter ikun diġà issettjat. Il-Kunsilliera qablu li dawn ix-xogħlijiet isiru. |
| 18.04.07 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera li ġie diskuss it-tender relatat maż-Żona ta' San Ġwann Tgħuxa, fejn fl-istess żona hemm taraġ meqjus perikoluż. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li tinħareġ variation mingħand l-istess kuntrattur li rebaħ it-tender, jew jekk għandux jinġabru tliet kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa x'jikkonsisti eżatt it-tender, u s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li t-tender jinkludi xi planters, tibdil tat-taraġ f'rampa, kif ukoll trasformazzjoni ta' żona ta' parkeġġ biex jinbidel l-aċċess. Il-Kunsilliera qablu li tinħareġ variation mal-istess kuntrattur. |
| 18.04.08 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera dwar residenta li qed tilmenta li hemm problema ta' ilma tax-xita li qed jinġabar u jidħol fid-dar |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | tagħha mit-triq. Il-Kunsill ressaq il-Perit fuq il-post, u dan osserva li l-problema x'aktarx hi minħabba li m'hemmx toqba fil-gallarija tal-proprjetà tagħha biex l-ilma tax-xita joħroġ barra. Madankollu, ir-residenta tinsisti li l-problema ġejja mit-triq. Il-Perit tal-Kunsill talab dikjarazzjoni bil-miktub mingħand il-Perit tagħha li tikkonferma li l-problema verament ġejja mit-triq, iżda s'issa m'hemm xejn bil-miktub. Hekk kif tintbagħat dikjarazzjoni, din se tiġi mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill biex jerġa' jevalwa s-sitwazzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri qajjem ukoll ilment ieħor mingħand resident ieħor f'żona San Ġwann Tgħuxa, fejn sar xi xogħol mill-Kunsill. L-ilment jirrigwarda kattusa li suppost tixxaqleb 'il barra, iżda minflok tixxaqleb 'il ġewwa fil-bitħa privata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tinforma lill-ħaddiema biex jiċċekjaw ix-xogħol u jindirizzaw il-problema jekk hemm bżonn. |
| 18.04.09 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera dwar attività li qed tiġi organizzata flimkien ma' l-Esplora u l-iskejjel f'Bormla. Il-Viċi Sindku kompliet billi infurmat li l-attività se ssir b'xejn u se tkun sponsorjata minn Esplora. Għaldaqstant, ser tiċċekkja jekk hix aktar adattata għall-iskola primarja jew sekondarja. Hekk kif ikun hemm aktar komunikazzjoni u dettalji, il-Kunsilliera se jiġu infurmati. |
| 18.04.10 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera li sar meeting ma' Infrastructure Malta sabiex jiġi ċċarat x'ser isir fil-parking li jinsab quddiem l-iskola primarja. Infrastructure Malta infurmaw li l-proġett jinkludi bini ta' parkeġġ ta' sitt sulari li se jservi għal madwar 330 spazju ta' parkeġġ. Is-Sindku talab li jitqies li jingħataw xi spazji ta' parkeġġ lir-residenti ta' Bormla, peress li se jitneħħew numru ta' parkeġġi attwali. Infrastructure Malta wieġbu li l-proġett għadu fil-fażi ta' ppjanar u li fi stadju aktar |

| | |
|---|---|
| | avvanzat jistgħu jsiru aktar diskussjonijiet. Il-Kunsilliera qablu li għandu jintalab numru akbar ta’ spazji ta’ parkeġġ għall-użu tar-residenti, minħabba t-telf ta’ parkeġġi eżistenti. |
| 18.04.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ser isir meeting mal-kollettur taż-żibel rigward Triq Wigi Rosato, peress li hemm riħa li qed tidħol fid-djar tar-residenti. Matul l-istess laqgħa, ser tiġi diskussa wkoll il-problema f’Verdala, fejn il-kollettur mhux qed jitla’ sal-parti ta’ fuq tat-triq biex jiġbor iż-żibel. |
| 18.04.12 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li fil-ġnien ta’ Kottener, ħdejn il-pont, għandha ssir lapida. |
| **18.05** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 18.05.01 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri informa li rċieva mistoqsijiet mingħand residenti dwar x’se jsir mill-iskola primarja hekk kif jibda l-proġett tal-parkeġġ. Is-Sindku wieġeb li bħalissa l-proġett għadu fil-fażi ta’ ppjanar, iżda hekk kif ikun hemm aġġornamenti, ser jistaqsi biex jikkjarifika wkoll x’inhuma l-pjani relatati mal-iskola. |
| 18.05.02 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri informa li gie avviċinat minn xi residenti rigward il-possibbiltà li jitwaħħlu charging pillars għall-vetturi elettriċi fiż-żona ta’ San Ġwann Tgħuxa. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tiċċekkja dwar din il-kwistjoni. |
| 18.05.03 | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri ħammet qalet li fit-triq Rikardu Taylor hemm xi pjazzeti żgħar li forsi jistgħu jingħataw għat-tindif.<br><br>Is-Sindku Marco Agius qal li f’dik iż-żona hemm xi nies li joħorġu ħafna bulky u dan mhux dejjem jiġi rrappurtat. |

| | |
|---|---|
| | Il-Viċi Sindku saħħqet il-bżonn ta' tindif fil-post.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed tikkuntattja lill-Contract Manager biex jipproġetta pjan għat-tindif f'dik iż-żona. |
| 18.05.03 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri semma kwistjonijiet rigward il-bozoz u żied li fit-triq San Ġwann ma' triq li tagħti wara fejn hemm il-housing hemm parapett mimli imbarazz. Segretarju Ezekkutiv ser tkellem lil contract manager. |
| 18.05.04 | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet saqsiet rigward il-problema fil-Monti, fejn xi bejjieja kienu qed jisħqu li madwar l-11am jibdew jinżlu l-karozzi, u li minkejja l-preżenza tal-Pulizija tal-Komunità, is-sewwieqa ma jagħtux kas l-istruzzjonijiet tal-pulizija.<br><br>Is-segretarju Ezekkutiv semmiet li ser issir tifkira lil Transport Malta biex jipprovdu assistenza tagħhom, u ser tinforma lill-Kunsill tal-Birgu biex flimkien jindirizzaw il-problema.<br><br>Il-bejjiegħa esprimew tħassib dwar is-sigurtà u jemnu li qed iħossu riskju ta' inċident. |
| 18.05.05 | Il-kunsillier ssaqsa jekk hux possibli li l-Cospicua Girl Guides jibdew jipparteċipaw fl-attivitajiet organizzati mill-Kunsill sabiex jgħinu jqajmu interess fost tfal oħra biex jingħaqdu magħhom.. Is-sindku flimkien mal-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezjoni. |
| 18.05.06 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hux possibbli li jingħataw xi tip ta' vouchers lin-nies li jsaqsu pjanti ġewwa Bormla.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li dawn in-nies jiġu identifikati mill-Kunsilliera stess sabiex il-Kunsill jixtri l-affarijiet meħtieġa biex dawn jieħdu ħsieb il-pjanti. |

| | |
|---|---|
| 18.05.07 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hux possibbli li jitpoġġew tabelli ġewwa Bormla biex jiġu infurmati r-residenti biex iħallu l-klieb bic-ċinga.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li jsir tabella ċentralizzata, u wkoll tabella waħda speċifika fit-Triq Xandru. |
| 18.05.08 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa meta se terġa' tibda tingħalaq triq ta' quddiem l-Kunsill miż-Żebra Cross.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li triq tingħalaq u tinfetaħ biss kull nhar ta' Tlieta.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tiġbor kwotazzjonijiet għal bollards biex din il-miżura terġa' tiġi implimentata. |
| 18.05.09 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar is-sitwazzjoni fit-Triq Dun Victor Cilia. Is-Sindku wieġeb li qegħdin nistennew lill-Perit tal-Kunsill biex jagħtina l-pjanta u inwasslu informazzjoni lil Infrastructure Malta sabiex jibdew ix-xogħlijiet. |
| 18.05.10 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar il-possibbiltà li jsir parking għal muturi fit-Triq John Pace. Is-Sindku qabel li dan għandu jsir, u għalhekk għandu jiġi identifikat il-post, u mbagħad jinfurmaw lill-Kunsilliera fejn se jsir il-parking. |
| 18.05.11 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa wkoll dwar il-possibbilità li zebra crossing li hemm quddiem monument tal-gwerra tiġi rilokata quddiem il-ħanut tal-simons. Is-Sindku, flimkien mal-kunsilliera l-oħra, qablu ma din il-proposta.<br><br>Barra minn hekk, staqsa wkoll dwar "stop sign" qabel tithol lejn l-Isla, fejn qal li 'stop sign' hemm mhemmx bżonn tagħha. Min-naħa l-oħra, huwa saħaq li għandu jkun hemm "stop sign" meta wieħed joħroġ minn Triq San |

| | |
|---|---|
| | Pawl biex idur lejn Bormla. Is-Sindku, flimkien mal-kunsilliera l-oħra, qablu ma dawn il-punti. |
| **18.06** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 18.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 5 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' April 2025.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-iskeda numru 5 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekondat.<br><br>Kif ukoll, il-Kunsilliera Martin Vella approvat l-petty cash ta' April, waqt li l-l-vici sindku Noyah Spiteri Hammet isskondat. |
| **18.07** | **Mozzjonijiet** |
| 18.07.01 | Mozzjoni Numru : 64/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX)<br><br>Għeżież,<br><br>Qed inressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tagħkom sabiex tiġi installata AED machine fi Triq il-Ġendus, eżatt ħdejn Verdala Pharmacy.<br><br>Grazzi,<br>Martin Vella<br><br>Proponent: Martin Vella ___________________<br><br>Sekondant : Noyah Spiteri Hammet ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella informa wkoll li, hekk kif titwaħħal l-AED machine, it-tabib offra li jagħtu sessjonijiet bla ħlas lir-residenti tal-madwar. |

| | |
|---|---|
| 18.07.02 | Mozzjoni Numru 65/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX)<br>Għeżież,<br><br>Qed inressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tagħkom sabiex Triq Rikardu Taylor u Triq Hanover isiru one-way (tinżel biss).<br><br>Grazzi,<br>Martin Vella.<br><br>Proponent: Martin Vella ___________________<br><br>Sekondant: Noyah Spiteri Hammet ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 18.07.03 | Mozzjoni Numru 66/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX)<br><br>Għeżież,<br><br>Qed inressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tagħkom sabiex il-parkeġġ li hemm quddiem Santa Margherita jiġi organizzat skont il-format Fish Bone, skont il-pjanta ppreżentata minn Anessa.<br>Grazzi,<br>Martin Vella<br><br>Proponent: Martin Vella ___________________<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri ___________________<br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 18.07.04 | Mozzjoni Numru 67/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX)<br><br>Għeżież, |

| | |
|---|---|
| | Qed inressaq din il-mozzjoni sabiex il-parkeġġ li jinsab fi Triq il-Ġublew tal-Fidda, bejn Triq Santa Margerita u Triq Verdala, jiżdied b'post ieħor ta' parkeġġ, u l-karozzi jibdew jipparkjaw b'quddiem lejn il-bini. Nixtieq ukoll li tiġi installata railing biex il-karozzi jkunu jistgħu jaslu sal-bankina b'mod sigur.<br><br>Grazzi,<br>Martin Vella<br><br>Proponent: Martin Vella ___________________<br><br>Sekondant: Noyah Spiteri Hammet ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 18.07.05 | Mozzjoni Numru 68/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX)<br><br>Għeżież,<br><br>Wara osservazzjonijiet minn diversi residenti f'Triq Alessandra, eżatt fi Triq l-Oratorju, qed nipproponi li l-qsari li hemm mar-railing jiġu mċaqilqa lejn barra, minflok kif qegħdin bħalissa fuq in-naħa tal-bankina.<br><br>Ritratt anness.<br><br>Grazzi,<br>Martin Vella<br><br>Proponent: Martin Vella ___________________<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 18.07.06 | Mozzjoni Numru 69/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX) |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Għeżież,<br><br>Nixtieq nipproponi li norganizzaw ġurnata f'Għawdex.<br>Nixtieq li ssir f'nofs Lulju, jekk possibbli.<br><br>Grazzi,<br><br>Rita Gatt<br><br>Proponent: Rita Gatt ___________________<br><br>Sekondant: Noyah Spiteri Hammet ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni. |
| 18.07.07 | Mozzjoni Numru 70/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX)<br><br>Għeżież,<br><br>Qieghed nitlob biex fi triq ir-regatta, issir Zebra Cross<br><br>Grazzi,<br><br>Marco Agius<br><br>Proponent: Marco Agius ___________________<br><br>Sekondant: Noyah Spiteri Hammet ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni. Kif ukoll qablu li ghanda ssir ohra fit-triq il-gendus. |
| 18.07.08 | Mozzjoni Numru 71/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX)<br><br>Għeżież, |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Qed ngħaddi mozzjoni biex vetturi kbar, bħal trakkijiet, containers u simili, ma jgħaddux miċ-ċentru ta' Bormla. Dan qed jiġi propost minħabba l-ħsarat li qed isiru fit-toroq kif ukoll għall-protezzjoni tas-saħħa tar-residenti.<br><br>Grazzi,<br>Marco Agius,<br><br>Proponent: Marco Agius ___________________<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni. Kif ukoll qablu li għandhom issiru tabelli ikbar. |
| 18.07.09 | Mozzjoni Numru 72/2025<br><br>Seduta Numru 18/2025 (IX)<br><br>Qiegħed nitlob biex, hekk kif diġà tkellimna, nagħmlu ġemellaġġ ma' Kercem.<br><br>Grazzi,<br><br>Marco Agius<br><br>Proponent: Marco Agius ___________________<br><br>Sekondant: Martin Vella ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-mozzjoni.<br><br>Nipproponi li l-firma uffiċjali tal-gemellag issir fid-9 ta' Lulju.<br>Ir-rabta storika bejn iż-żewġ lokalitajiet hija fuq il-fatt li, fil-passat, Bormla kienet iddedikata lill-Madonna tas-Sokkors, li hija wkoll it-titular ta' Kercem. |
| **18.08** | **Rapporti** |
| 18.08.01 | Għall-approvazzjoni mill-kunsilliera: Financial Report – Quarter 1. |

| | |
|---|---|
| | Hekk kif ġie spjegat mill-accountant, il-finanzi sal-aħħar ta' Marzu, il-Kunsill jinsab skont il-budget approvat. Il-kunsilliera Qablu. |
| 18.08.02 | L-Audited Accounts qed jiġu pprezentati għall-approvazzjoni tal-kunsilliera.<br>Kien hemm qbil mil-auditors mal-Financial Report tagħna, li ġie rrappurtat deficit. Il-kunsilliera approvaw ir-rapport kif ipprezentat. |
| **18.09** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 18.09.01 | Is-seduta ġiet mtemma 19:45 ta filgħaxija u ġiet aġġornata għal 26 ta' Ġunju fil -5:30. |

Konfermati, illum 26 ta' Gunjur 2025

IFFIRMATA

______________

**Marco Agius**

Sindku

IFFIRMATA

_____________________

**Crystal Degabriele**

Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*